MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 304/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. David Saliba)**
**Vs**
**Mark Vassallo**
**Bernardina Maria Nadine Vassallo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati(ID 488164)(M) u ID 47366(M) rispettivament quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fix-xhur ta' qabel il-11 ta' Frar, 2010, fil-kapaċita' tagħhom ta' diretturi tal-kumpanija Aluserv Limited li hija sitwata fil- Qasam Industrijali, Mrieħel, naqsu li jaraw li kull parank jew "lift" installat f'post tax-xogħol taħt il-kontroll tagħhom, ċioe' l-fond hawn fuq imsemmi, jiġi eżaminat minn persuna kompetenti darba f'kull sitt xhur u tibgħatu kopja ta' dan iċ-ċertifikat lil Awtorita' kompetenti u dan ai termini ta' l-

artikolu 3 (2)(3) ta l-Avviż Legali 47/1964 (Factories Hoists and Lifts Regulations).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Gunju, 2010, li biha wara li rat ir-Regolament 3(2) u (3) tal-a.L. 47/1964 ma sabitx lill-appellati hatja w għaldaqstant illiberathom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-7 ta' Lulju, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, w tiddeċiedi l-mertu tal-kawża mill-ġdid ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w ssib lill-appellati imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontrihom.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedini penali aġġornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

**Illi priminarjament is-sentenza ta' l-Qorti hija nulla stante għax ma tikkonformax mar-rekwiziti ta' l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi t-tieni aggravju huwa ċar hu manifest u mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel interpretazzjoni u tasal ghall-konklużjoni korrett tal-ligi u l-fatti pertinenti għall-każ in kwistjoni.

Illi l-appellati imputati kienu akkużati permezz ta' A.L. 47/1964 hekk kif suppost. Illi skond dan l-A.L. ikun hemm bżonn li ssir spezzjoni tal-lifts imqar darba kull sitt xhur.

Illi waqt il-mori tal-kawza, Kevin Gauci, għan-nom tal-Awtorita' għas-Saħħa w is-Sigurta' fuq il-post tax-xoghol (OHSA) xehed li l-aħħar darba li kien sar spezzjoni fuq il-lifts minn persuna kompetenti, għaldaqstant engineer kien f'Novembru 2008.

Illi Claire Camilleri ghan-nom tal-Malta Financial Services Authority (MFSA) xehdet li l-appellati imputati kienu l-unici prinċipali/diretturi tal-kumpanija Aluserv Ltd.

Illi għall-finijiet ta' dan il-każ il-ligi tagħmel distinzjoni ċara bejn lifts li huma intizi :

Persuni

Persuni u merkanzija

Merkanzija biss jekk il-karru huwa aċċessibbli, jigifieri persuna tista' tidhol fih mingħajr diffikulta', u mgħammar b'kontrolli li jkunu jinsabu ġewwa l-karru jew li jistgħu jintlaħqu mill-persuna gewwa l-karru.

Illi skond l-artikolu 11(1)(b) tal-istess Regolamenti jingħad li :

*(1) id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-1964 dwar Fabbriki (Parankijiet u Liftijiet), għandhom jibqghu japplikaw kif gej :*
*(b) għal finijiet eżistenti stallati f'post tax-xoghol, sal-31 ta' Dicembru 2008, izda ghandhom jibqghu japplikaw ghal makkinarju l-iehor kollu li ghalih dan l-avviz legali japplika.*

Illi f'dan il-kaz partikolari, il-lift kien installat **qabel il-31 ta' Dicembru, 2008** u l-kontrolli ma kinux jinsabu ġewwa l-karru iżda barra allura r-regolamenti u l-liġi li japplikaw f'dawn ic-cirkostanzi mhumiex ir-regolamenti ta' A.L. 231 tal-2007, iżda bil-fors ir-regolamenti tal-A.L. 47/1964.

Illi huwa propju f'dan il-punt krucjali li l-Ewwel Qorti naqset u zbaljat fl-interpretazzjoni tagħha tal-ligi li japplika.

In fatti tant hu minnu dan il-punt li c-certifikat li sussegwentement kien hareg liema certifikat gie mghoddi

lill-Awtorita’ għas-Sahha w Sigurta’ wara l-istess udjenza tal-Qorti fir-rigward dan il-lift kien a bazi tal-A.L. 47/1964.

Illi li kieku l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni tal-ligi korretta a bazi tal-provi skjacanti migjuba l-quddiem ill-prosekuzzjoni, certament il-kaz kien ppruvat minghajr ebda dubju dettat mir-raguni.

Illi in vista ta’ dawn il-punti kif hawn dedotti u ppreżentati mill-prosekuzzjoni u li għad irid isiru fit-trattazzjoni ta’ dan l-appell, bid-dovut rispett l-appellant iħoss illi l-Ewwel Qorti kellha provi biżżejjed kieku sar analiżi korrett tal-liġi a bazi ta’ liema ssib lill-appellati imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontrihom in vista ta’ dak li jipprovdi l-ligi.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-ewwel aggravju.**

**Din is-sentenza hija limitata għall-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali u din il-Qorti qed taqsam l-ewwl aggravju f’żewġ partijiet.**

**(a) Li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma mxietx mar-rekwiżiti tal-artikolu 382**
L-artikolu 382 tal-Kap 9 jipprovdi hekk:

*‘Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom ikun misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodiċi jew ta’ kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.’*

Qari akkurat ta’ dan l-artikolu juri x’għandha tagħmel il-Qorti **‘meta tagħti s-sentenza tkun kontra l-imputat’.**

**Is-sentenza ċitata mill-abbli Prosekutur fiha din is-silta:**
‘Fis-seduta ta’ l-10 ta’ Marzu 2010 id-difiza ssollevat innullita`
tas-sentenza appellata peress illi ma ġewx ċitati l-artikoli tal-liġi li dwarhom l-ewwel Qorti sabet lill-appellant Hemida Abdel Saleh Mohamed Hemida Elsaka (minn hawn ‘il quddiem imsejjah “l-appellant Elsaka”) ħati.

Id-disposizzjoni rilevanti tal-ligi huwa l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi hekk:

**“Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodiċi jew ta’ kull ligi oħra li tkun tikkontempla r-reat.”**

Issa, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li kienet qed issib htija dwar l-ewwel imputazzjoni u ghamlet referenza ghall-artikoli “60, 62, 68, 69 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 80 ta’ l-Att Nru XXII/1998, u wkoll l-artikoli 16 u 17 tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta’ Malta”. Bizzejjed jingħad li l-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta fih erbatax-il paragrafu u l-akkuza tirreferi biss ghal sitt paragrafi minnhom. Kull paragrafu jirreferi għal fattispecji differenti ta’ reati u għalhekk l-ewwel Qorti kellha tiddikjara taħt liema minn dawk il-paragrafi kienet qed issib ħtija. L-istess jista’ jingħad dwar is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 16 tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta’ Malta, li wkoll fih erbatax-il paragrafu filwaqt li l-akkuża tirreferi biss għal paragrafu wieħed. Inoltre l-appellant Elsaka gie akkuzat fl-ewwel
imputazzjoni li naqas li jiddikjara l-oggetti in
kwistjoni lill-ufficjali tad-Dwana, riferenza cara din għall-artikolu
6 tal-Kap. 37. Konsegwentement is-sentenza
appellata tirrizulta difettuża minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 għall-validita` ta’ sentenza. Dan ghalhekk irendi s-sentenza appellata nulla. Is-sentenza appellata qed tigi b’hekk dikjarata nulla u bla effett, ħlief f’dik il-parti fejn iddikjarat li l-appellant ma kienx ħati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha.’

Din is-sentenza iżda m’għandhiex x’taqsam mal-fatti odjerni għaliex fis-sentenza ċitata, l-Ewwel Qorti kienet sabet **kontra l**-appellant waqt li fis-sentenza ta’ llum il-Qorti **lliberat** lill-imputat. Is-sentenza ċitata ma sabitx nullita’ fejn l-imputat ma kienx instab ħati iżda sabet nullita’ biss fejn kien instab ħati

Jekk il-Qorti tillibera lill-imputat mhux meħtieġ li timxi mar-rekwiżiti tal-artikolu 382 għax kif inhi redatta l-Liġi, din timponi x'għandu jsir fil-każ **biss** jekk l-imputat **jinstab ħati** ta' reat jew ta' kontravenzjoni**.**

**(b) Nuqqas ta' koniserazzjonijiet**

Fl-ewwel aggravju l-Avukat Ġenerali jissottometti wkoll li 'l-Ewwel Onorabbli Qorti hija nebuluża fil-konsiderazzjonijiet'.

Ikkonsidrat

L-artikolu 382 diġa' ċitat jgħid x'inhuma r-rekwiżiti fil-każ li l-imputat jinstab ħati. Jgħid, fost affarjiet oħra, li l-Qorti għandha **tgħid il-fatti** li tagħhom l-imputat ikun instab ħati. Iżda l-ewwelnett mkien ma jsemmi espressament il-kelma 'raġunijiet' u t-tieni dan l-artikolu huwa i**ntiż biss għal meta l-imputat jinstab ħati.**

Minkejja li dan l-artikolu ma jużax il-kelma raġunijiet b'mod speċifiku, jekk issib ħtija l-Qorti **għandha** tagħti r-raġunijiet biex tkun konformi mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. **L-artikolu 382 qatt ma kien emendat. Forsi issa wasal iż-żmien li jsir il-bdil meħtieġ**. Dwar l-importanza ta' 'a reasoned judgement' jingħad dan li ġej:

*'The requirement of a fair hearing also supposes that a court will give reasons for its judgment, in both criminal and non-criminal cases. Whereas national courts are alowed considerable discretion as to the structure and content of their jujdgments, they must 'indicate with sufficient clariuty the grounds on which they base their decision' so as to allow a litigant usefully to exercise any available right of appeal' (Hadjianastassiou v Greece A 252 1992). Further justifications for the need of a reasoned judgment are the interest of a litigant in knowing that his or her arguments have been properly examined, and the interest of the public in a democratic society in knwoing the reasons for judicial decisions given in its name. (Tatishvili versus Russia (2007).*

*Precisely what is required will depend upon the nature and circumstances of each case. (Garzia Ruiz versus Spain GC 1999-I; 31 EHRR 589). It is not necessary for the court to deal with every point raised in argument. If, however, a submission would, if accepted, be decisive for the outcome of the case, it may require a 'specific and express reply' by the court in its judgment, although an implied rejection may be sufficient if clear.' (Ruiz Torija versus Spain A-303-A (1994)'*[1]

Meta wieħed jifli dan il-paragrafu u l-każistika Ewropea, jidher li hemm enfasi fuq dawk il-każijiet meta persuna tinstab ħatja jew titlef xi kawża ċivili. F'każ tal-liberazzjoni mill-imputazzjonijiet m'għandna xejn dwar dan fil-liġi tagħna (il-Kap9) u ma jidhirx li hemm xi każistika ewlenija Ewropea dwar il-ħtieġa ta' raġunijiet meta wieħed ikun liberat mill-ħtija.

Għar-raġunijiet esposti hawn fuq il-Qorti mhix tilqa' l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali. U qed tiddiferixxi l-kawża ħalli tkompli tinstama' dwar l-aggravji l-oħra.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Harris, O'Boyle and Warbrick 'Law of the European Convention on Human Rights' Oxford second edition Paġina 268